MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1250/2007

**George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur ta’ l-assenti Francesca mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella mart Raymond Sant u Nathalie Abela wlied Carmelo Abela**

**vs**

**Emanuel Abela, John Abela, Anthony Abela u Doris Abela bhala eredi tal-mejjet Alfred Abela**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

Illi l-atturi u l-konvenuti, minbarra Mariella Sant, Nathalie Abela u Doris Abela huma wlied Emanuel Abela u martu Martha Abela bint John Zammit mentri l-istess Mariella Sant u Nathalie Abela huma wlied Carmelo Abela iben l-imsemmija Emanuel u Martha Abela li pero' miet qabel l-istess genituri tieghu u Doris Abela hija l-eredi ta' Alfred Abela;

Illi Emanuel Abela miet fis-26 ta' Frar 1982 (ara Dok 'A' hawn anness);

Illi bit-testment 'Unica Charta' tad-dsatax ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u wiehed u tmenin (19/11/1981) (ara Dok 'B' hawn anness) l-imsemmi Emanuel flimkien ma' martu Martha Abela, wara li hallew diversi prelegati, nnominaw u stitwew bhala eredi universali taghhom lill-konvenuti John u Anthony Abela;

Illi s-successjoni ta' Emanuel Abela giet debitament riportata kif ahjar jirrizulta mill-kopja ufficjali tad-denunzja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C';

Illi matul il-hajja ta' l-imsemmija Emanuel u Martha Abela saru diversi ghotjiet;

Illi nonostante diversi tentattivi sallum baqa' ma ntlahaq ebda ftehim dwar il-qasma ta' l-eredita' msemmija u l-atturi ma jridux jibqghu aktar in komunjoni ma' l-konvenuti u jridu li jigu assenjati lil kull wiehed mill-ahwa u l-eredi ta' tifel wiehed, il-porzjon lilhom spettanti ta' l-imsemmija eredita' ta' Emanuel Abela;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi li qeghdin hawn jitolbu li din il-Qorti joghgobha:

1. Tillikwida l-assi parafernali, l-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assi ereditarji tal-imsemmija Emanuel u Martha Abela

u taqsamhom f'zewg porzjonijiet ugwali wara li jigu mputati fl-assi dawk il-hwejjeg li nghataw lil John, Anthony u Emanuel Abela u lill-mejjet Alfred Abela waqt il-hajja tal-istess Emanuel u Martha Abela;

2. Taqsam u Tassenja l-attiv ta' Emanuel Abela skond it-testment 'unica charta' tad-19 ta' Novembru 1981 in atti Nutar Dottor George Cassar;

3. Tinnomina okkorrendo periti nominandi ghall-likwidazzjoni u divizjoni mehtiega;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv;

5. Tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

6. Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi kuntratt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta guramentata tal-intimata** a fol. 26 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-azzjoni promotricI hija preskritta ai termini tal-Artiklu 845 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament jigi rilevat ghall-integrita' tal-gudizzju huwa essenzjali illi l-legatarji u l-eredi kollha jkunu parti fil-kawza odjerna. Mill-atti processwali jirrizulta li hemm zewg legatarji li m'humiex parti fil-kawza u b'mod partikolari Josef u Adrian ahwa Abela wlied il-mejjet Alfred li huma legatarji tal-fond ossija mezzanin bl-isem ta' Honey House, 179, Ninu Cremona Street, Rahal Gdid u dan kif stipulat fis-Sitt Artiklu tat-testment anness mar-rikors promotur;

3. Illi wkoll preliminarjament il-mandat ta' Jesmond Abela ghandu jigi debitament ippruvat;

4. Illi wkoll preliminarjament jigi rilevat illi bejn il-kontendenti hemm kawza quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt fl-ismijiet George Abela pro et noe vs Alfred Abela et (Rikors Numru 2/1999), liema kawza tirrigwarda beni li jiffurmaw parti mill-massa ereditarja mertu ta' din il-kawza, u ghalhekk qed titressaq l-eccezzjoni ta' '*lis alibi pendens'*;

5. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju jigi rilevat illi galadarba hemm kawza ohra quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt fl-ismijiet George Abela pro et noe vs Alfred Abela et (Rikors Numru 2/1999), liema kawza tirrigwarda beni li jiffurmaw parti mill-massa ereditarja mertu ta' din il-kawza, l-gurisdizzjoni esklussiva hija vestita fl-imsemmi Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt u dan ai termini tal-Artiklu 3 SubArtiklu 4 tal-Kapitlu 308 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi wkoll preliminarjament jigi rilevat illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba huma rritwali u dan stante li r-rikorrenti bhala legatarji tat-testment tad-19 ta' Novembru 1981 setghu biss jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat lilhom imholli u xejn aktar.

7. Illi wkoll preliminarjament u konsegwentement ghal dak rilevat fil-paragrafu 5, l-esponenti Doris Abela ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante li l-mejjet zewgha Alfred Abela li tieghu hija eredi, huwa biss legatarju u bhala tali ma tistax tkun illegittma kontradittrici ta' talba ghall-immissjoni fil-pussess ta' prelegat. Tali talba ghandha tigi diretta kontra l-eredi, li f'dan il-kaz huma John u Anthony ahwa Abela, u dan kif jghid espressament l-Artiklu 726 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi wkoll preliminarjament ir-rikorrenti odjerni huma biss legatarji skond it-testment tad-19 ta' Novembru 1981 (anness mar-rikors promotur) u ghaldaqstant m'ghandhom l-ebda nteress guridiku in kwantu l-ewwel

talba taghhom. L-interess taghhom jissusisti biss fir-rigward tal-prelegati lilhom imhollija u xejn aktar. Il-persuni li ghandhom interess guridiku f’talba bhal dik kontenuta fl-ewwel talba rikorrenti huma John u Anthony ahwa Abela in kwantu dawn huma l-eredi universali taghhom skond it-testment tad-19 ta’ Novembru 1981. Jekk hemm xi hadd li ghandu nteress li jigi determinat f’xiex tikkonsisti l-massa ereditarja in kwistjoni huma John u Anthony ahwa Abela li bhala eredi universali ghandhom id-dritt li jircievu r-residwu kollha wara li jitnaqqsu l-prelegati kontemplati fl-istess testment. Kien hemm kemm kien hemm beni fil-massa ereditarja r-rikorrenti ma jistghu qatt jippretendu li jiehdu oltre l-prelegat lilhom imholli u ghaldaqstant m’ghandhomx dritt li jippretendu li jkunu jafu f’xiex kenet tikkonsisti l-massa ereditarja;

9. Illi in kwantu din il-kawza hija msejsa fuq it-testment tad-19 ta’ Novembru 1981, l-Artiklu tlieta tal-istess testment jezenta b’mod specifiku lill-kontendenti li jregghu lura fil-massa ereditarja dak kollu li l-istess kontendenti jkunu rcevew minghand il-genituri taghhom sew b’titlu ta’ dota jew bi kwalsiasi titlu iehor. Ghaldaqstant dik il-parti tal-ewwel talba rikorrenti fejn huma jadixxu l-Qorti li tinkludi fil-massa ereditarja dawk il-hwejjeg li nghataw lil John, Anthony u Emanuel Abela u lill-mejjet Alfred Abela waqt il-hajja ta’ Emanuel u Martha Abela hija nfondata;

10. Illi minghajr pregudizzju l-mejjet Alfred Abela li tieghu l-esponenti hija eredi ma rcieva xejn minghand il-genituri tieghu li jisthoqq li jigi mputat fil-massa ereditarja;

11. Illi f’kaz li din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess aktar ‘il fuq ikun opportun li mhux biss dak li allegatament ircevew John, Anthony u Emanuel Abela u l-mejjet Alfred Abela ghandu jigi mputat fil-massa ereditarja izda kif ukoll dak li rcevew George Abela, Francesca Gatt xebba Abela u l-mejjet Carmelo Abela u/jew uliedhom;

12. Illi mill-lista tax-xhieda ndikata mir-rikorrenti huwa evidenti li din il-kawza ma hija xejn aktar hlief tentattiv li jigi ndagat l-operat tal-kumpanija CAEJA Limited li fiha r-rikorrenti m’ghandhom ebda nvolviment u wisq anqas

ghandhom l-interess necessarju sabiex iressqu proceduri gudizzjarji ghal dan il-ghan. Jigi umilment rilevat illi peress li b'konsegwenza r-rikorrenti ma setghux jagixxu ai termini tal-Kapitlu 386 (Att Dwar il-Kumpaniji) huma ressqu l-kawza odjerna fuq kawzali simulati u talbiet nsostenibbli u dan sabiex jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti tinvestiga kumpanija li fiha r-rikorrenti m'ghandhom ebda jedd;

13. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz mill-massa ereditarja mertu ta' din il-kawza u dan stante li l-prelegati huma specfici u cari u l-eredi tar-residwu huma John u Anthony ahwa Abela;

14. Salv kull sottomissjoni u eccezzjoni ulterjuri li jistghu jirrizultaw necessarji fil-mori tal-kawza;

Rat **ir-risposta gurmentata tal-intimati** a fol. 29 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-azzjoni tal-atturi hija preskritta a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 845 tal-Kapitlu 16.

2. Illi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-istess gudizzju mhux integru minhabba l-assenza ta' diversi legatarji nominati fit-testment tad-decujus Emanuel Abela illi bhala tali jippossjedu nteress dirett u guridiku f'din il-vertenza.

3. Illi l-esponenti jeccepixxu ulterjorment in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 3(4) tal-Kap. 308 tal-Ligijiet ta' Malta, billi dan il-mertu huwa mertu ta' kawza ohra quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt istitwiti mill-atturi kontra l-istess konvenuti, (Rikors Numru 2/99 PL).

4. Illi l-porzjon tal-ewwel talba ghall-imputazzjoni tal-hwejjeg donati lill-eccipjenti mid-decujus matul hajtu, hija nsostenibbli billi l-ebda wiehed mill-atturi m'huwa werriet tal-istess decujus u ghalhekk m'ghandhomx interess guridiku fil-konferiment mitlub.

5. Illi l-porzjon tal-ewwel talba ghall-imputazzjoni tal-hwejjeg donati lill-eccipjenti mid-decujus matul hajtu, hija nsostenibbli wkoll ghaliex tali mputazzjoni giet specifikatament eskluza mit-tielet Artiklu tat-testment tal-istess Emanuel Abela.

6. Illi l-atturi m'ghandhomx interess guridiku illi jitolbu d-divizjoni tal-eredita' ta' Emanuel Abela billi l-uniku nteress illi huma jippossjedu huwa illi jitqeghdu fil-pussess tal-legati mhollija lilhom jew lil min minnhom.

7. Illi l-konvenut Emanuel Abela m'huwiex legittmu kontradittur tat-talbiet attrici billi huwa m'huwiex eredi tal-mejjet Emanuel Abela u ma jirrispondix ghalhekk ghall-pretenzjonijiet attrici kontra l-istess eredita'.

8. Illi mplicitu fil-persuni ndikati mill-atturi fil-lista tax-xhieda taghhom hija cara l-intenzjoni illi l-kawza ta' divizjoni ta' eredita' tigi trasformata f'indagni llegittma fil-hwejjeg tas-socjeta' CAEJA Abela Bros Ltd. illi fiha la l-istess eredita' u wisq anqas l-atturi m'ghandhom xi nteress guridiku jew ekonomiku.

9. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Eccezzjoni preliminari**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-hames eccezzjoni tal-intimata Doris Abela u fuq it-tielet eccezzjoni tal-intimati l-ohra fis-sens li dina l-Qorti mhiex kompetenti a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 3(4) tal-Kap. 308 tal-Ligijiet ta' Malta, billi dan il-mertu huwa mertu ta' kawza ohra quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt istitwiti mill-atturi kontra l-istess konvenuti, (Rikors Numru 2/99 PL).

Illi quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt l-intimati kienu taw l-eccezzjoni li l-istess Tribunal ma kienx kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talbiet migjuba quddiemu fir-rigward ta' l-eredita' ta' Emanuele Abela billi l-interess kollettiv tar-rikorrenti fl-istess eredita' ma kienx sufficjenti sabiex tigi radikata l-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

B'decizjoni tat-Tribunal tas-16 ta' Jannar 2004 dina l-eccezzjoni giet milquha fir-rigward tal-qsim tal-wirt ta' Emanuele Abela.

Ir-rikorrenti ipproponew il-kawza prezenti fuq il-wirt ta' Emanuele Abela quddiem din l-Qorti u l-intimati issa qed jghidu li l-Prim Awla wkoll mhiex kompetenti.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-intimati qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fuq l-artikolu 3(4) tal-Kap 308. Dan jipprovvdi li:

3(1) "Meta zewg persuni jew aktar ikollhom xi beni komuni li jigu ghandhom minn wirt, dawk il-beni **jistghu** jkunu suggetti li jinqasmu skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fuq talba maghmula kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

3(4) Izda meta l-azzjoni tingieb quddiem it-Tribunal jew tintbaghat lilu skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-Tribunal ikollu sakemm dik l-azzjoni hija pendenti quddiemu, l-gurisdizzjoni eskluziva dwar l-oggett ta' dik l-azzjoni u ebda azzjoni ohra dwar l-istess talba ma ghandha tingieb quddiem xi qorti ta' l-ewwel grad."

L-intimati qed jargumentaw ghalhekk li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni eskluziva galadarba hemm kawza ohra quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt fl-ismijiet George Abela pro et noe vs Alfred Abela et (Rikors Numru 2/1999), liema kawza tirrigwarda beni li jiffurmaw parti mill-massa ereditarja mertu ta' din il-kawza.

L-intimati kien ikollhom raguni kieku ma kienx ghad-decizjoni li ha t-Tribunal fejn hu ddikjara li ma kellux

gurisdizzjoni fuq it-talba li ghamlu r-rikorrenti quddiem it-Tribunal fir-rigward tal-wirt ta' Emanuele Abela. Una volta li t-Tribunal ha dik id-decizjoni, quddiem it-Tribunal ma hemmx aktar azzjoni li hija pendenti quddiemu.

Inoltre jigi rilevat li l-gurisdizzjoni quddiem it-tribunal hija fakoltattiva kif jirrizulta mill-artikolu 3(1) u (2) fejn hemm provvdut li **tista** ssir talba quddiem it-Tribunal.  Hu biss meta ssir it-talba quddiem it-Tribunal li dan ikollu gurisdizzjoni eskluziva, u dan sakemm ma jigiex deciz mod iehor.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni sollevata mill-intimati dwar l-inkompetenza
Spejjez ghall intimati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------